MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 254/2009

**Annunziata Muscat**

**vs**

**'Eco Ciap Limited' u b' digriet tat-28 ta' Settembru 2004, minflok il-kliem 'Eco Group Limited' ghandhom jidhru l-kliem Louis Borg f' ismu proprju u f' isem Agenda Kummercjali Eco Energy Services.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur datat id-9 ta' Lulju, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti Muscat talbet ir-revoka in parte tal-mandat ta' qbid numru 2538/06 indikat fl-istess rikors u dan, stante li l-effetti ta' dan l-imsemmi mandat jolqot l-oggetti mobbli li jinsabu fid-dar ta' residenza tar-rikorrenti, "Aida", 145, Triq Anici, Hal-Qormi u li gew elenkati mill-marixxall esekutant fit-22 ta' Gunju, 2009;

Illi din it-talba giet hekk effettwata stante li l-intrapriza involuta, ("Firm Eliseo Muscat Limited"), m' ghandha l-ebda assi jew beni fl-imsemmija residenza tar-rikorrenti;

Illi inoltre, l-imsemmija intrapriza ghandha l-ufficcju taghha registrat fil-fond "New Street off San Gwakkin Road, Mriehel";

Semghet ix-xhieda prodotta;

Innotat li la s-socjeta` intimata u lanqas ir-rapprezentant legali taghha m' oghgobhom juru l-interess dovut f' din il-procedura;

Ikkunsidrat:

1. Illi r-rikorrenti ilha tghix fir-residenza taghha fuq indikata ghal dawn l-ahhar seba' u tletin (37), sena;

2. Illi s-socejta` "Eliseo Muscat Limited" kienet wahda gestita minn zewgt ir-rikorrenti u din is-socjeta' ma ghandha l-ebda propjeta` li tappartjeni lilha fir-residenza ordinarja taghha;

3. Illi l-istess rikorrenti kkonfermat bil-gurament li l-oggetti kollha ndikati a fol 6 tal-process odjern huma kollha propjeta` personali tar-rikorrenti u ghalhekk, is-socjeta` "Eliseo Muscat Limited" hi ghal kollox estranea ghall-istess;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess jirrizulta li l-marixxall esekutant indkluda oggetti li ma jappartjenux lis-socjeta` "Eliseo Muscat Limited" fl-elenku minnhu redatt in esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid de quo;

Illi di piu`, jirrizulta li l-istess oggetti jappartjenu lir-rikorrenti personalment;

Ghaldaqstant, din il-qorti, takkolji t-talba tar-rikorrenti u tordna li l-oggetti mobbli li jinsabu fid-dar residenzjali tar-rikorrenti fuq indikata li gew elenkati fil-mandat ta' qbid in dizamina huma estranei

ghad-ditta “Eliseo Muscat Limited”, u konsegwentement tordna r-revoka in parte tal-mandat ta’ qbid numru 2538/06 fis-sens li l-oggetti elenkati li jidhru a fol. 6 jappartjenu esklussivament lir-rikorrenti u b’ hekk, huma eskluzi mill-effetti tal-mandat ta’ qbid de quo;

**Bl-ispejjez, kontra s-socjeta` intimata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------